

# Giuseppe Calì u Koppla tiegħu

Kitba ta' Mario Attard



Ir-rabta ta' Giuseppe Calì (1864 – 1930) mal-Kolleġġjata ta' Bormla hija kbira u teħodna lura lejn tmiem is-seklu dsatax meta pitter is-saqaf kollu flimkien mal-koppla prinċipali u l-erba' lunetti tagħha li jġibu lil Mosè, lil Eżekjel, lil Isaija u lil David fejn taħt riġlejh iġib il-firma ta' Calì u d-data 1884 (xi ħaġa li kien iħobb jagħmel fil-pitturi tiegħu, biss il-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù fis-Sagristija jew mhux iffirmat inkella l-firma ta' Calì tinsab moħbija taħt il-gwarniċa). Hawnhekk nosservaw li l-pittura tal-koppla ewlenija m'għadhiex iżjed ta' Calì imma ta' Virgilio Monti (1852-1942)[1]. B'xorti tajba tassew, madankollu, l-erba' lunetti li juru lil David, Mosè, Eżekjel u Isaija tħallew ta' Calì. Ta' Monti wkoll huwa l-kwadru fis-saqaf tal-Kor. Din il-bidla kienet saret fis-seklu għoxrin[2] Minbarra hekk pitter iż-żewġ kappelluni ta' Santa Katarina u ta' San Ġużepp, li l-kwadru oriġinali tiegħu li darba kien jinsab mal-kappellun ta' San Ġużepp, illum insibuh fl-Awla Kapitulari. Calì pitter ukoll il-koppla tal-kappellun tal-Kurċifiss. Kif jikteb Joseph R. Gatt[3] "Il-Knisja ta' Bormla kellha tkun l-ewwel waħda, wara dik tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, li kien se jkollha saqaf impitter u wisq aktar mill-istess pittur". Minn dan ix-xogħol artistiku kollu, għajnejna nitfgħuhom fuq il-pittura fil-koppla tal-Kappellun tal-Kruċifiss, imma mhux qabel ma nifhmu u napprezzaw x'kobor ta' patrimonju artistiku għandu dan il-kappellun.

Huwa kappellun rikk artistikament u bil-wisq aktar devozzjonalment. Fih insibu tliet artali: (a) dak prinċipali li fuqu jġib in-niċċa kbira bis-Salib u Kristu msallab miegħu (magħruf bħala s-Salib ta' Kandja), filwaqt li bħala parti mill-artal insibu lid-Duluri, xogħol ta' oriġini Spanjola, fatt li jixhdu l-mant tagħha bl-iskultur tagħha mhux magħruf (b) l-artal ta' Sant'Andrija bil-pittura tal-qaddis teħodna fis-Seklu Sbatax u hija xogħol Emanuele Perreira Portughese - dan l-artal jinkludi fih skultura mdaqqsa ta' Kristu nkurunat bix-xewk maħduma minn Pietru Pawl Darmanin, u (ċ) l-artal tat-

Trasfigurazzjoni bil-pittura fuq l-istess tema, xogħol ta' Ramiro Calì, iben Giuseppe. Taħtu, fuq l-artal insibu kwadru mdaqqas tal-Madonna taċ-Ċintura. Mad-dawra tal-kappellun tal-Kurċifiss insibu l-Via Sagra li hija xogħol il-pittur Francesco Zahra (1701-1771). Ma' dawn irridu nżidu l-koppla u l-erba' lunetti taħtha ta' Giuseppe Calì u t-tliet arzelli ta' Rafel Bonniċi Calì.

Filwaqt li l-Kapitlu Bormliż approva l-abbozz tal-koppla li kien ippreżentat lilu mill-Kan.Giovanni Falzon f'Marzu 1903, Giuseppe Calì lesta din l-opra artistika għall-festa ta' dik l-istess sena. Calì ħa ħsieb li jaqsam id-dawra tal-koppla f'erbgħa u jiġbor fiha l-ewwel snin ta' Sidna Ġesù Kristu. Ir-rappreżentazzjonijiet sħaħ juru hekk: l-ewwel it-twelid ta' Ġesù Bambin, it-tieni l-wasla tas-Slaten Maġi, it-tielet il-Ħarba tal-Madonna bil-Bambin lejn l-Eġittu, rekbin fuq ħmara mmexxija minn San Ġwann filwaqt li huma mħarsa mis-Sema minn żewġ anġli u fir-raba' nsibu lil Ġesù ġewwa t-tempju jiddisputa mad-Dutturi.

Kull waħda mill-erba' rappreżentazzjonijiet kienet imħallsa minn benefatturi differenti. Il-benefatturi kienu dawn: l-ewwel xena tħallset minn Natale u martu Marija Azzopardi; it-tieni xena tħallset minn Vinċenza Agius Caruana u l-Markiża Ursula Depiro D'Amico; it-tielet xena tħallset mill-Prokuratur Legali Ġużè Camilleri u r-raba' xena tħallset minn Antonio Paris.

Il-mistoqsija toħroġ waħedha: Kif ninsabu fil-kappellun tal-Kurċifiss u l-koppla tiegħu tesponi erba' xeni mill-ewwel snin ta' Ġesù meta suppost jittrattaw ngħidu aħna xeni mill-passjoni? Giuseppe Calì, ta' artista kbir li kien, ħaseb li joħroġ erba' simboli tal-passjoni. Dawn is-simboli ħariġhom fl-erba' lunetti taħt il-koppla msemmija. F'kull lunetta nsibu anġli jżomm simbolu differenti: il-velu bil-wiċċ ta' Kristu li huwa marbut mal-Veronika, il-lanza li biha niffdulu l-kustat waqt li kien fuq is-salib sabiex l-Imperu Ruman jaċċerta ruħu li Kristu kien mejjet, il-kalċi li l-Anġlu ġab lil Kristu fl-Ort tal-Ġetsemani qabel bin il-bniedem ingħata f'idejn il-ħażen u l-kuruna tax-xewk li filwaqt li tissimbolizza lit-tbatija, tiġbor is-sagrifiċċju tal-fidwa li għalih l-Iben t'Alla sar bniedem.

B'dan il-mod naraw kombinazzjoni artistika bejn il-bidu tal-missjoni qaddisa ta' Kristu u t-tkomplija tar-rieda ta' Missieru: il-fidwa tal-bnedmin.

It-tieni gwerra dinijija wettqet ħsarat f'din il-koppla imma ssewwiet b'ġebel ġdid. Fl-1963 il-pittur qarib ta' Giuseppe Calì, Rafel Bonnici Calì (1907–2002) rrestawra l-pittura. Jumejn qabel il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-1963, Bormla rat it-tberik tagħha meta Mons. Emmanuele Galea, li dak iż-żmien kien il-Vigarju Ġenerali, inawguraha. L-ispejjeż tar-restawrar tħallas mill-prokuraturi tal-Vjatku u tal-Agunija.

**L-Inawgurazzjoni tal-koppla rrestawrata**

Min jara l-programm tal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-1963[4] isib li din l-inawgurazzjoni saret nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, filgħaxija.

Dakinhar sar l-aħħar Salve fil-programm tal-festa għal dik is-sena. Kienet ċerimonja speċjali li tmexxiet mill-Isqof Emanuele Galea. Wara sar diskors mill-Arċipriet ta' Bormla ta' dak iż-żmien, il-W.R. Kan. Giuseppe Cassar fejn fid-diskors li għamel għal dik l-okkażjoni, tkellem fost oħrajn fuq l-inawgurazzjoni tal-pittura restawrata ta' Calì.

Wara d-diskors tal-Arċipriet ta' Bormla, l-Isqof Galea, akkumpanjat mill-Kapitlu, mar fil-Kappella tal-Kurċifiss biex jinawgura u jbierek il-koppla. Wara tkantat l-antifona tal-Kunċizzjoni u ngħatat il-barka.[5]

Għalkemm ir-restawr sar, is-snin baqgħu għaddejjin u biż-żmien l-elementi tan-

natura, l-aktar l-ilma tax-xita, infiltra minn ċerti fili tal-koppla u naqra naqra laħaq il-pitturi u beda jagħmlilhom ħafna ħsara.

Bil-ħsieb li din il-ġawhra artistika ta' natura imprezzabbli ma tintilifx, il-Cottonera Rehabilitation Project sponsorja studju xjentifiku biex jeżamina u jevalwa l-ħsarat li kienu saru fil-pittura. Dan kien tnax-il sena ilu. Kienet tqabbdet esperta Taljana fir-restawr u Assistant Lecturer fl-Università ta' Malta, Roberta De Angelis. B'danakollu, ir-restawr ma sarx għaliex ma kinux instabu l-fondi meħtieġa. Bil-għan li l-poplu Bormliż ikun mgħarraf u jsir konxju tal-gravità tal-koppla ta' Calì, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Università ta' Malta għall-Kottonera nieda taħdita ta' tagħrif minn Roberta De Angelis fl-Oratorju tad-Duluri ġewwa Bormla nhar l-24 ta' Mejju 2013, fis-sebgħa ta' filgħaxija. Dakinhar kienu ttrattati l-istorja u l-isfidi għar-restawr tal-koppla. Tkellmet ukoll il-Markiża N. De Piro, qariba tal-familja Calì, li ttrattat diskors marbut mal-istess familja.

F'dan iż-żmien wieħed jista' jara kif il-koppla tal-Kappellun tal-Kurċifiss hija ċċirkondata bl-*iscaffolding* sabiex din il-koppla jsirilha l-manutenzjoni kollha meħtieġa u hekk tkun tiflaħ għall-elementi tan-natura, b'mod speċjali għax-xita, ħalli r-restawr tal-koppla ta' Calì jkollha lqugħ tajjeb. Il-parroċċa ta' Bormla daħlet għall-ispejjeż tar-restawr tal-koppla minn barra kif ukoll għall-*iscaffolding* sewwa fuq barra tal-koppla kif ukoll minn ġewwa.

B'kollaborazzjoni mal-parroċċa, id-Dipartiment tal-Wirt Mibni fi ħdan il-Fakultà tal-Ambjent Mibni fl-Università ta' Malta, qiegħed jagħmel studji u dokumentazzjoni meħtieġa taħt il-ħarsien tar-restawratriċi Jennifer Porter u il-Prof. JoAnn Cassar, Kap tad-Dipartiment imsemmi bl-għan li tkun restawrata l-koppla minn ġewwa. Xi snin ilu kienu saru studji xjentifiċi fuq il-pittura u l-ġebla eżistenti li tifforma l-koppla u li fuqha huma mpittra l-erba' pitturi ta' Giuseppe Calì. Dan l-istudju kien sar mir-restawratriċi Roberta De Angelis fi ħdan l-istess Dipartiment. Fil-fatt, studenti universitarji diġà wettqu xi xogħol urġenti fuq il-pitturi msemmija. Dan sar biex jittieħdu l-prevenzjonijiet meħtieġa qabel jibda r-restawr tal-erba' pitturi. Ix-xogħol li sar sa issa kien biex il-pittura ma tibqax taqa u qegħdin isiru wkoll testijiet biex isibu l-aħjar mod biex jissaħħu dawn il-pitturi u l-ġebla ta' taħthom. F'dawn l-istudji intużaw metodi sabiex jiddeterminaw ukoll l-ilma li xorob dan il-ġebel. Parti mix-xogħol jinvolvi ukoll li d-deffun ta' fuq il-koppla jissewwa biex ma jibqax jidħol l-ilma.



## Il-Koppla ta' Calì

Lura lejn l-epoka li fiha tlestiet il-koppla u nsibu li daqs erba' xhur wara l-festa tal-1903, f'April 1904, Giuseppe Calì lesta tliet abbozzi biex jimlew it-tliet arzelli ta' taħt il-koppla. Din id-darba kienu juru xeni mill-passjoni: (a) Ġesù fil-Ġetsemani, (b) Ġesù fuq il-għolja tal-Golgota u (ċ) l-Qawmien ta' Kristu mill-mewt. B'xorti ħażina dawn it-tliet abbozzi baqgħu ma mmaturawx irwieħhom u tħallew fil-ġenb. Minn dawn l-abbozzi baqa' tnejn u li għadhom parti mill-patrimonju tal-parroċċa u Kolleġġjata ta' Bormla, imma dak ta' Ġesù fuq il-Golgota huwa mitluf. Dawn l-arzelli ma messithomx l-istess xorti tat-tnejn li Calì pitter fil-Kappella tas-Santissimu Sagrament fejn għadna nsibuhom: f'waħda l-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Sammaritana u fl-oħra l-miraklu tat-tkattir tal-ħobż.

Kellhom jgħaddu għexur ta' snin biex sa fl-aħħar it-tliet arzelli għaqqdu biex ingħid hekk il-koppla ta' Calì. Ix-xogħol tagħhom reġa' tħalla f'idejn Rafel Bonnici Calì li, għad li d-daqqa tal-pinzell tvarja minn artist għal ieħor, Bonnici Calì ħadem kemm seta' biex ikun fidil lejn il-qarib tiegħu. Dawn il-pitturi tlestew bil-bidu tas-snin sebgħin (1970s).

Fost il-ħafna xogħlijiet ta' Giuseppe Calì nsemmu l-kwadru li juri l-Mewt ta' Dragut fl-Assedju l-Kbir tal-1565 u li jinsab fil-Mużew tal-Arti, il-Belt Valletta, il-Madonna tal-Vitorja fil-parroċċa tal-Mellieħa, in-Natività fil-parroċċa ta' Ħal Luqa, u l-Apoteosi (glorifikazzjoni divina) ta' San Franġisk fil-knisja ta' San Franġisk, il-Belt Valletta. Fl-1896, lill-parroċċa fejn ħamsin sena qabel kien tgħammed, jiġifieri tal-Portu Salvu (tad-Dumnikani), Giuseppe flimkien ma' ibnu Ramiro bdew iżejnuha bil-pittura u hekk saret l-ewwel parroċċa fil-gżejjer Maltin li kienet iddekorata kollha kemm hija bil-pittura[6]. Ma nistgħux ma nsemmux lill-kwadru tal-Qalb ta' Ġesù li jinsab fis-Sagristija tal-parroċċa ta' Bormla. Fih joħorġu b'qawwa l-kwalitajiet li għamlu lil Calì "possibilment l-aqwa pittur f'Malta ta' żmienu"[7]. F'Għawdex insemmu lill-Qalb ta' Ġesù, li huwa t-titular tal-parroċċa tal-Fontana u l-Martirju ta' San Lawrenz fil-parroċċa tal-istess raħal.

## Min kien Giuseppe Calì?

Calì twieled fil-Belt Valletta fl-14 ta' Awwissu 1846 u tgħammed fil-knisja parrokkjali tal-Madonna tal-Porto Salvu, fejn 'il quddiem pitter il-kwadru titulari ta' San Duminku. Il-ġenituri tiegħu kienu Naplitani, Raffaele u Giovanna Padiglione. Kienu ġew f'pajjiżna għall-ħabta tal-1840 meta f'dak iż-żmien fl-Italja kien hemm l-inkwiet politiku tar-Risorgiment Taljan – qawmien li wassal għal snin twal ta' ġlied bl-għan li jwassal għall-unifikazzjoni tal-Italja. Missieru kien xenografu (f'terminu sempliċi, pittur) fit-Teatru Manoel u mużiċista filwaqt li ommu kienet mezzo-sopran. Minn familja ta' tmienja, Giuseppe kien l-iżgħar wieħed. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu jinsabu f'ħafna knejjes f'Malta u f'Għawdex.

Meta kien għadu tifel, beda jitfarfar, Gugielmo Eynaud ra fih talenti artistiċi sbieħ u ħallaslu biex imur jistudja f'Napli u hemmhekk influwenza ruħu mill-aqwa surmastrijiet ta' dak iż-żmien. Giuseppe Calì, qatta' sentejn jistudja f'Napli fejn studja n-Neoklassiku fl-Accademia delle Belle Arti taħt is-surmast Giuseppe Mancinelli (1813–1875). In-Neoklassiċiżmu kien moviment li beda f'nofs is-Seklu 18 li kien jitfa' l-attenzjoni tiegħu fuq il-purità tal-arti tal-Griegi u tar-Rumani. Calì, li kien influwenzat mill-pittur Naplitan Domenico Morelli (1926-1901), reġa' lura Malta fejn beda karriera fil-pittura li llum nafu kemm tassew tiżen mitqlu deheb. B'xorti tajba huwa għex 84 sena. Ftit wara li ġie Malta pitter wieħed mill-aqwa kwadri li baqa' msemmi għalih – Il-Mewt ta' Dragut

li ġrat fl-Assedju l-Kbir tal-1565. Huwa ma pittirx biss pittura reliġjuża imma wkoll profana u sa skolpixxa xi ftit skulturi. Il-pittur Malti Ignazio Carlo Cortis (1826-1898), li flimkien ma' Calì pitter is-soqfa tas-Salvatur f'Ħal Lija u ta' San Lawrenz fil-Birgu, laqqam lil Giuseppe Calì bħala *l-għafrid tal-pinzell*. Fost ħiliet li jgħaġġbu li ħarġu mill-pinzell tiegħu nsibu l-wiċċ u n-naturalezza tal-espressjoni tiegħu. L-ewwel xogħol li kien ikkummissjonat jagħmel il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju għall-parroċċa tal-Mosta[8].

Fl-1871 iżżewweġ fl-Imsida lil Perennia Pace mill-Isla u kellhom għaxart itfal (ħamest ibniet u ħames subien), fosthom Ramiro. Bħalma Giuseppe wiret l-arti tal-pittura minn missieru Raffaele, hekk ukoll Ramiro wiret l-arti tal-pittura minn missieru Giuseppe. Lil martu u lil uliedu Giuseppe Calì kien jippożahom għall-pitturi tiegħu. Huwa għex f'diversi nħawi ta' Malta: il-Belt, l-Imsida, il-Ħamrun, tas-Sliema u l-Furjana. Miet nhar Sibt il-Karnival, fl-1 ta' Marzu 1930 f'belt twelidu, eżattament f'Nru. 9, Triq Sant'Andrija, il-Belt Valletta fejn għex l-aħħar żmien ta' ħajtu. Jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata East H. Comm A, Nru. 8. Huwa kien rikonoxxut mill-istat Malti l-ewwel fl-1996 meta l-posta Maltija kienet ħarġet sett ta' erba' bolli u fl-2004 meta l-Bank Ċentrali ħareġ munita kommemorattiva tal-fidda b'denominazzjoni ta' ħames liri Maltin (c.€5.82 tal-lum).

"Ma kienx sinjur, l-iktar bil-familja kbira li kellu. Anki meta miet, għad li bosta minn uliedu żżewġu tat-tajjeb, kellu jkun neputih Fra Ewsebju, Kappuċċin, li lil Giuseppe Calì xtralu l-qabar biex jindifen fih"[9].

## Anaddotu ċkejken

Meta Giuseppe kien għadu żgħir, kien jagħmel il-karikaturi għall-gazzetta "Don Basilio" li kien joħroġ il-Markiż Ramiro Barbaro di San Giorgio. Il-Bormliżi kollha jafu li dan il-Markiż kien il-fundatur u l-ewwel president li kellha l-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

**Referenzi**

[1] Lino Fiorentino, **Teżori artistiċi fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla**, Cospicua Parish Church *on-line*. It-tmien pitturi tal-koppla tqiegħdu f'posthom fl-1929 wara li kienu tlestew f'Ruma. Ara **Il-Pittura ta' Virgilio Monti fil-Koppla** miktub tal-Kanonku Dun Joe Ablea, Programm tal-Festa Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla, Festa 2006, p.78.

[2] Qabel is-snin tletin tas-seklu l-ieħor (1930s) kienu nqalgħu minn posthom xi nkwatri fosthom ta' San Leonardu li kien minflok il-kwadru tat-Trasfigurazzjoni fil-Kappellun tal-Kurċifiss u oħrajn ta' Cali mis-saqaf tal-Kor biex jeħdulhom posthom kwadri mpittrin minn Virgilio Monti. Jingħad li matul l-gwerra nsterqu u baqa' biss ta' San Ġużepp.

[3] Joseph R. Gatt, **Il-Pittur fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla** 1 Parti, Festa 2004, Marija Immakulata Bormla, p.55

[4] "Cospicua", Ħarġa 87. Diċembru 1963, paġna 4.

[5] "Cospicua", Ħarġa 88, Jannar 1964, paġna 1.

[6] **Giuseppe Calì 1846-1930**, intervista ta' Mario Attard lil Lino Fiorentino, Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata, Marzu 1992, Għadd 206, pp.4-5., p.4

[7] **Il-Qalb ta' Ġesù ta' Cali**, Sensiela miġbura minn Lino Fiorentino, Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata, Ġunju 1993, Għadd 221, p.2

[8] **Giuseppe Calì 1846-1930**, intervista ta' Mario Attard lil Lino Fiorentino, Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata, Marzu 1992, Għadd 206, pp.4-5. Lino Fiorentino flimkien ma' Louis A. Grasso fl-1991 kienu ħarġu l-ktieb **Giuseppe Calì 1846-1930** u li kien ippubblikat minn Said International Ltd.

[9] Ibid., p.4

Ara wkoll:
"Calì Wall Paintings at Cospicua Collegiate in Danger", Fr. Joseph Mifsud, The Sunday Times tal-15 ta' Mejju 2005.
2,077 kelma
Il-Festa tal-Vitorja
Il-Hadd, 8 ta'Settembru 2014





